MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

Seduta tal-11 ta' Lulju, 2011

Citazzjoni Numru. 679/2010

**L-avukat Dr. Henri Mizzi (numru ta' l-karta ta' l-identita` bin-numru 143565 (M)) bhala mandatarju specjali u ghan-nom u in rapprezentanza ta' Stephen J. Hunt, detentur ta' l-passaport ingliz bin-numru 304499169 u residenti Griffins, TAvistock House, South, Tavistock Square London WC1H 9LG, United Kingdom, fil-kwalita` tieghu ta'** ***bankruptcy trustee*** **tal-patrimonju ta' Philip John Day kif hekk mahtur fl-20 ta' Settembru tas-sena 2007 (Numru 481/2007)**

**vs**

**Philip John Day (detentur ta' l-passaport ingliz numru 028850461)**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors guramentat tar-rikorrent nomine datat is-6 ta' Lulju, 2010, li permezz tieghu sintetikament ippremetta s-segwenti:

1. Illi huwa mandatarju ta' Stephen Hunt, " trustee" fallimentari;

2. Illi huwa ntavola dawn il-proceduri abbazi tar-Regolament Numru 1346/2000 tal-Kunsill Ewropew, datat d-29 ta' Mejju, 2000, u tar-Regolament Numru 44/2001 tal-istess Kunsill, datat t-22 ta' Dicembru, 2000;

3. Illi permezz ta' sentenza datata l-20 ta' Settembru, 2007, moghtija mill-Qorti tal-Kontea ta' St. Albans, l-intimat Philip John Day fuq indikat kien dikjarat fallut;

4. Illi r-rikorrenti nomine Dr. Henri Mizzi hu regolarment mahtur mandatarju skont il-ligi;

5. Illi konsegwenza tal-istess il-patrimonju tal-imsemmi intimat fallut Day jghaddi ex lege f'idejn it-"Trustee" fallimentari li f'dawn l-atti hu rapprezentant mill-imsemmi rikorrenti;

6. Illi l-imsemmi intimat fallut fuq indikat ghandu proprjeta` f'Malta, kif indikata in atti, (ara Dok HM5), konsistenti fis-segwenti:

i. Appartament kif indikat fil-paragrafu 7 (i) tar-rikors promotur fuq indikat;

ii. Garaxx kif indikat fil-paragrafu 7 (ii) tal-istess rikors promotur;

iii. Uzu komuni kif inikat fl-istess paragrafu numru 7 (iii);

Liema kumpless hu bla numru u jmiss mill-Punent ma' Triq Dun Frangisk Sciberras, mil-Lvant ma' Triq Snajjin, u

mit-Tramuntana ma indana ta' tarag pubblika li tghaqqad l-imsemmija zewg toroq;

7. Illi permezz tal-mandat t'inibizzjoni riferit fil-paragrafu 8 tar-rikors promotur datat is-16 ta' Gunju, 2010, l-intimat gie mizmum milli jbiegh jew mod iehor jittrasferixi, jaggrava; jikkrea piz; jikri; jew jaghti dritt personali fuq l-imsemmi kumpless t'immobbli;

8. Illi di piu`, permezz tas-sentenza tal-Qorti ta' St. Albans fuq indikata l-imsemmi kumpless immobbiljari jvesti fl-imsemmi "Trustee" fallimentari;

9. Illi a bazi tal-artikolu 33 tar-Regolament 44/2001 fuq indikat, sentenza moghtija fi Stat Membru ghandha tkun rikonoxxuta fl-Istati Membri l-ohra tal-Komunita` Ewropea minghajr il-htiega ta' proceduri specjali;

10. Illi t-"Trustee" fallimentari hu debitament awtorizzat jipprocedi f'Malta in tutela tad-drittijiet tieghu skont il-ligi;

U konsegwentement talab:

1. Illi s-sentenza fuq citata tal-20 ta' Settembru, 2007, tigi enforzata fil-gurisdizzjoni Maltija;

2. Illi l-intimat Day jigi ordnat jersaq ghall-pubblikazzjoni ta' kuntratt ta' bejgh tal-kumpless immobbiljari fuq indikat, fiz-zmien moghti u taht il-provvedimenti provduti;

3. Illi ghal dan il-ghan, jigi wkoll nominat Nutar biex jippubblika l-atti relattivi skont kif dekretat;

Ezaminat id-dokumenti kollha esebiti;

Rat id-digriet precedenti taghha diversament preseduta datat it-13 ta’ Lulju, 2010, li permezz tieghu ordnat li l-atti kollha jigu tradotti fil-lingwa Ingliza skont ir-Regolamenti hemm citati;

Rat in-nota tar-Registratur tal-Qrati u Tribunali Civili datata t-8 t’April, 2011, li permezz tieghu esebixxa s-“Certificate of Service” mibghut mill-awtoritajiet Inglizi u li ghalhekk hu debitament assodat li l-intimat gie regolarment notifikat bir-rikors promotur ipprezentat fil-konfront tieghu;

Rat il-verbal tar-rappreszentant legali tar-rikorrenti nomine datat l-10 ta’ Gunju, 2011, li permezz tieghu irrilevat li nonostante l-kontumacja tal-intimat, hasset li jkun ghaqli li tipprezenta rikors kjarifikatorju u tipprezenta nota ta’ sottomissjonijiet;

Rat id-digriet taghha datat ukoll l-10 ta’ Gunju, 2011, li permezz tieghu laqghet l-imsemmija talba, u ddifferiet il-kawza ghas-sentenza ghad-data hemm indikata;

Rat in-nota ta’ sotomissjonijiet tar-rikorrenti nomine datata t-28 ta’ Gunju, 2011;

Rat ukoll ir-rikors tal-istess rikorrenti nomine datat ukoll it-28 ta’ Gunju, 2011;

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti allegati mir-rikorrenti nomine jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:

1. Illi l-procedura odjerna giet intavolata mir-rikorrenti nomine fuq indikat abbazi ta’ prokura regolarment lilu rilaxxqata minn Stephen Hunt, it-“trustee” fallimentari skont il-ligi;

2. Illi l-intimat Day kien dikjarat fallut permezz tas-sentenza tal-qorti tal-Kontea ta’ St. Albans, datata l-20 ta’ Settembru, 2007, (ara fol 10);

3. Illi l-imsemmi Hunt gie regolarment mahtur “trustee” fallimentari skont il-ligi, (ara fol 11);

4. Illi effett tal-imsemmija hatra, il-proprjeta` li l-intimat Day seta’ kellu ghaddiet ex lege f’idejn l-imsemmi “trustee”; liema proprjeta` hi sintetikament deskritta fil-paragrafu 7 (i) (ii) (iii) indikat aktar qabel;

5. Illi ghalkemm l-intimat jirrizulta li hu debitament notifikat, ghazel li jibqa` kontumaci;

Ikkunsidrat:

Illi din hi procedura limitatament intiza ghal rikonoxximent u enforzar fil-gurisdizzjoni lokali ta’ sentenza ta’ gurisdizzjoni ta’ stat iehor Membru wkoll fil-Komunita` Ewropea, u konsegwenza tal-istess, biex jigi ordnat li l-proprjeta` immobbiljari meritu ta’ din il-procedura tinbiegh lil terzi;

Ikkunsidrat:

Illi l-imsemmi intimat hu issa dikjarat fallut fit-termini tas-sentenza tal-20 ta’ Settembru, 2007, fuq citata;

Illi tali sentenza moghtija l-Ingilterra, tezigi li tkun rikonoxxuta fil-gurisdizzjoni Maltija skont ir-Regolamenti fuq citati mir-rikorrenti nomine;

Illi tenut kont tas-suespost, din il-qorti tiddikjara bl-aktar mod car li qed tirrikonoxxi l-imsemmija sentenza tal-20 ta’ Settembru, 2007 tal-Qorti tal-Kontea ta’ St. Albans, l-Ingilterra, minghajr rizervi u konsegwentement tordna l-enforzar tal-istess fil-gurisdizzjoni Maltija skont il-ligi, senjatament l-artikolu 38 tar-Regolament 44/2001 gia` fuq riferit;

Ikkunsidrat:

Illi tenut kont tad-dikjarazzjoni fuq indikata il-proprjeta` fuq riferita appartenenti l-intimat Day issa ghaddiet fil-patrocinju tat-"Trustee" fallimentarju fuq indikat, u dan ai termini tal-artikolu 306 tal-Insolvency Act riferit mill-istess rikorrenti nomine;

Illi in vista tal-premess din il-Qorti:

1. Tordna li s-sentenza fuq riferita datata l-20 ta' Settembru, 2007, tal-Qorti tal-Kontea ta' St. Albans l-Ingilterra hi enforzabbli f'Malta ai termini tal-artikolu 25 tar-Regolament (EC) 1346/2000 tad-29 ta' Mejju, 2000;

2. Tordna wkoll li l-intimat Philip John Day jersaq ghall-pubblikazzjoni tal-kuntratt ta' bejgh tal-proprjeta` immobbli meritu ta' din il-procedura kif indikata fil-paragrafu 7 (i) (ii) (iii) indikat aktar qabel, u dan, fi zmien xahrajn (2) mil-lum;

3. Illi ghal dan il-ghan tinnomina lin-Nutar Dottor Pierre Attard sabiex jirrediegi l-imsemmi kuntratt relattiv fit-terminu indikat fil-paragrafu precedenti izda skont l-ezigenzi li hu jhoss xieraq;

4. Illi inoltre, fl-eventwali assenza ulterjuri tal-intimat Day fl-atti hawn indikati, r-rikorrenti ghandu jitlob il-hatra ta' kuraturi deputati skont il-ligi.

__________________________
Onor. Imhallef Silvio Meli

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------